**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 264/2019 RM**

**Perit Melanie Spiteri**

**-Vs-**

**Mario Zarb**

**Illum, 24 ta' Ottubru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attriċi, il-Perit Melanie Spiteri, fit-18 ta' Novembru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti illi prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li tħoss neċessarju jew opportun li tagħmel, tikkundanna lill-konvenut Mario Zarb iħallasha s-somma ta' tlettax-il elf mija u sitt euro u hamsa u sebghin centezmu (€13,106.75), flimkien mal-imghax sad-data tal-hlas effettiv, flimkien mal-ispejjez relattivi.

Din is-somma, dovuta mill-konvenut, tirrapreżenta drittijiet professjonali dovuti minnu lilha, maħduma skond it-tariffi uffiċjali, għax-xogħolijiet li saru fuq is-sit bl-indirizz, numru 98, Triq Hal Saflieni, Paola PLA 1108.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontrih li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata minn Mario Zarb fis-6 ta' Marzu 2020 fejn eċċepixxa:-

***<u>Preliminari:</u>***

1. *Illi din il-kawża trid tistenna l-eżitu tal-kawża li qiegħdha tinstema mill-Onorevoli Prim'Awla kif presjeduta mill-Imħallef Grazio Mercieca u ġġib in-numru 974/2019GM fl-ismijiet 'Mark Spiteri et vs. Mario Zarb' fejn l-esponenti ppreżenta wkoll Kontro-Talba.*

***<u>Fil-Mertu:</u>***

2. *Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-servizzi professjonali allegatament reżi mill-attriċi ma sarux skont is-sengħa u l-arti.*

3. *Illi b'riżultat tan-negliġenza tal-attriċi waqt li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet li kellhom ikunu superviżjonati minnha stess, l-konvenut sofra diversi danni u wkoll ġie mitlub iħallas għal diversi materjal u xogħolijiet li ma kienx hemm bżonn u lok li jinxtraw, jitwaħħlu u jsiru fuq il-post.*

4. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont mitlub mhuwiex korrett u esaġerat u dana peress li d-dritt tal-perit inħadem fuq l-ispiża u l-VAT u mhux fuq l-ispiża biss, u għaldaqstant qed jintalab ħlas ta' VAT fuq VAT mill-konvenut.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċepjenti kontra l-attriċi, inkluż kull azzjoni għad-danni.*

Rat id-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Lulju 2020 fejn ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut li permezz tagħha kien talab il-waqfien tal-proċeduri odjerni pendenti l-eżitu tal-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Rikors Ġurament Numru 974/2019) u ordnat illi jissokta s-smigħ tal-kawża fil-mertu, bl-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu a karigu tal-konvenut.

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat ukoll l-Affidavit tal-attriċi u l-Affidavit tal-konvenut u semgħethom jixhdu in kontro-ezami;

Semgħet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qiegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' €13,106.75 rappreżentanti drittijiet professjonali dovuti lilha, maħduma skont it-tariffi uffiċjali, fir-rigward ta' xogħolijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni li saru fil-proprjeta' tal-konvenut ġewwa 98, Triq Ħal Salfieni, Paola.

Il-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi u li mhux kontestati, huma illi l-attriċi ġiet inkarigata mill-konvenut bħala perit għall-ħabta ta' Ottubru 2017 in konnessjoni mal-proġett ta' żvilupp tas-sit di proprjeta' tiegħu ġewwa Raħal Ġdid, liema proġett kien jikkonsisti fit-twaqqigħ ta' dar u l-kostruzzjoni minflokha ta' blokk appartamenti b'maisonette u garaxx fil-pjan terren u garaxx fil-basement sottostanti. L-inkarigu tal-attriċi ġie terminat wara li nqala' diżgwid bejn il-partijiet kif ukoll bejn il-konvenut u

l-kuntratturi ingaġġati minnu u dan wara li kien tlesta x-xogħol ta' demolizzjoni u tħaffir tas-sit u wara li kien laħaq inbena u ġie msaqqaf il-basement.

Għall-eżekuzzjoni ta' dan l-appalt il-konvenut kien ingaġġa lis-soċjeta' S&P Construction Limited. Dan l-appalt jirriżulta li ġie terminat f'Awwissu 2019 in segwitu għal diżgwid li nqala' bejn il-konvenut u l-kuntrattur fir-rigward tal-għoli tal-"baxxa" li wassal ukoll għat-terminazzjoni tal-inkarigu tal-attriċi. Sadanittant, l-attriċi kienet ħarġet kont provviżorju bid-drittijiet reklamati minnha għax-xogħol ta' demolizzjoni u tħaffir tas-sit, liema kont baqa' ma tħallasx mill-konvenut iżda minkejja dan, kien inbeda u tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-basement. Hemm qbil li l-konvenut kien ħallas pagament akkont lill-attriċi fis-somma ta' €2,000.

Ix-xogħolijiet li kienu laħqu ġew eżegwiti mill-kuntrattur sad-data tat-terminazzjoni tal-appalt, ġew approvati mill-attriċi u ġew mkejla mill-*quantity surveyor* abbażi tar-rati approvati (Schedule of Rates 2019) mill-attriċi (presumibbilment għan-nom tal-konvenut[1]). Hi mbagħad ikkalkolat id-drittijiet tagħha skont it-tariffi uffiċjali, fis-somma bilanċjali ta' €11,107.42, abbażi tal-prezz sħiħ, kompriż VAT, tax-xogħolijiet li laħqu ġew eżegwiti mill-kuntrattur, biż-żieda tas-somma ta' €1,999.33 rappreżentanti VAT fir-rata ta' 18% fuq it-total tad-dritt tagħha[2].

M'hemmx kontestazzjoni mill-konvenut illi l-kont tal-attriċi ġie maħdum fuq il-prezzijiet approvati mill-attriċi (Schedule of Rates) u l-konvenut ma jikkontestax illi dawn ir-rati huma eċċessivi jew ma ġewx aċċettati minnu.

Il-kontestazzjoni formali tal-konvenut hi fondata fuq żewġ binarji ewlenin: in-nuqqas tal-attriċi li tippresta servizzi skont is-sengħa u l-arti bir-riżultat ukoll li l-konvenut sofra danni għaliex kellu jħallas għal materjal li nxtara u xogħolijiet li saru, inutilment. Jikkontesta wkoll il-komputazzjoni tal-kont tad-dritt dovut lill-attriċi.

---

[1] Ma jirriżultax illi l-konvenut iffirma l-approvazzjoni tiegħu ta' dawn ir-rati iżda f'din il-kawza ma jikkontestax l-applikabbilita' tagħhom.

[2] Ara Dokument Ċ anness mal-Affidavit tal-konvenut Mario Zarb.

Il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tiegħu, il-konvenut sostna li huwa kien aċċetta li jħallas lill-attriċi rata ta' 5% fuq ix-xogħol u rata ta' 1% fuq il-kejl iżda minkejja dan il-ftehim, l-attriċi fil-kont tagħha, filwaqt li applikat rata ta' 1% fuq il-kejl kif miftiehem, applikat rata ta' 6% mhux 5% fuq ix-xogħol.

L-attriċi tiċħad li l-partijiet ftiehmu verbalment li minflok ir-rata ta' 6% skont it-tariffa K, hi kellha tapplika rata ta' 5%. Hi sostniet fix-xhieda tagħha li hi applikat ir-rati skont it-tariffa K fil-kont tagħha proprju għaliex ma kien hemm l-ebda ftehim mod ieħor, la verbali u lanqas bil-mitkub.

Il-Qorti kkunsidrat illi din il-lanjanza ma tinsabx fost l-eċċezzjonijiet formalment sollevati fir-Risposta li biha l-konvenut laqa' għat-talba attriċi fir-Rikors promotur u qieset ukoll il-fatt illi fix-xhieda tiegħu, il-konvenut iddikjara li l-kontestazzjoni tiegħu hi fondata mhux tant fuq l-allegat ftehim li l-attriċi tapplika r-rata ta' 5% u mhux 6% fuq il-valur tal-kostruzzjoni, iżda fuq il-kalkolu tat-tariffa fuq il-valur tax-xogħol imwettaq mill-kuntrattur kompriż VAT. F'kull każ, il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux juri, fuq bażi ta' bilanċ tal-probabbilitajiet, li kien intlaħaq ftiehim verbali li l-attriċi tikkalkula d-dritt professjonali lilha dovuta b'rata inqas minn dik stipolata skont it-tariffi. Dan qed jingħad ukoll għaliex meta xehed in kontro-eżami, il-konvenut ikkonferma illi huwa ma ħallasx il-kont provviżorju maħruġ mill-attriċi għad-dritt tagħha fuq ix-xogħol ta' skavar u demolizzjoni – fejn applikat ir-rata ta' 6% u mhux rata ta' 5% fuq il-valur tax-xogħol – għaliex dak iż-żmien l-attriċi kienet ikkonċedieltu żmien biex iħallas u mhux għaliex ma qabilx mar-rata tad-dritt professjonali li ġiet applikata mill-attriċi. M'hemm xejn fil-provi li juri illi l-konvenut, meta rċieva dak l-ewwel kont, kien oġġezzjona għall-applikazzjoni tar-rata ta' 6% għall-fini tal-kalkolu tad-dritt mitlub mill-attriċi.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra tibda biex tittratta l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet fil-mertu imqanqla mill-konvenut fir-Risposta tiegħu (it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet), ċioe' li l-attriċi ma wettqitx skont is-sengħa u l-arti s-servizzi minnha prestati u li huwa sofra d-danni konsistenti fl-ispejjeż ta' materjal u xogħolijiet li ma kienx hemm bżonn li jinxtraw jew isiru.

Il-prinċipju regolanti in materja hu li min iwettaq xogħol li għalih ikun ġie inkarigat għandu obbligu jagħti riżultat tajjeb u ta' vantaġġ għall-klijent u wieħed li huwa konformi mal-ħtiġijiet tal-istess klijent, b'dan illi jekk jonqos li jagħti dan ir-rizultat jew iwettaq xogħol difettuż u mhux skont is-sengħa u l-arti, huwa jkun responsabbli għad-danni kollha li jigu minħabba dik l-eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol.

Id-disposizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Ċivili in materja ta' danni huma s-segwenti:-

L-Artikolu 1030 jipprovdi :- *Kull min jaghmel uzu ta` jedd tieghu fil-qies illi jmiss ma jwegibx ghall-hsara illi tigri b`dan l-uzu.*

Imbagħad, skont l-Artikolu 1031:- ... *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara illi tigri bi htija tiegħu.*

Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabbilita` akwiljana, jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li dak l-att iġib miegħu. Il-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' *culpa* iżda l-Artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jidentifikaha f'dik l-imġieba fejn jirriżulta nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-*bonus paterfamilias*:-

*(1) Jitqies fi htija kull min bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*

*(2) Hadd ma jwiegeb fin-nuqqas ta` dispozizzjoni espressa tal-Ligi, ghall-hsara illi tigri minhabba nuqqas ta` prudenza, ta` diligenza jew ta` hsieb fi grad akbar.*

L-Artikolu 1033 ikompli jipprovdi li '*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb illi jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta` prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos illi jagħmel xi ħaġa ill biha jikser xi dmir impost mil-Liġi, huwa obbligat għall-ħsara illi tiġri minħabba f`hekk.*'[3]

Minn qari komplessiv ta' dawn id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi ma hemm l-ebda dubju li kull min minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni tiegħu, b'negliġenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mil-liġi jikkawża bl-atti jew bin-nuqqasijiet tiegħu, ħsara lil ħaddiehor għandu jwieġeb għal tali ħsara hekk ikkawżata.

Huwa paċifikatament aċċettat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi min ifittex ghad-danni jrid jipprova l-kondotta kważi-delittwuża, ossia dak l-att jew ommissjoni kolpuza li tirradika l-ħtija[4]. B'żieda ma' dan, id-danneġġjat irid jipprova wkoll li dik il-kondotta kolpuża għandha konnessjoni intrinsika, ċioe' ness kawżattiv, ta` kawża u effett mad-danni sofferti[5]. Finalment, id-danneġġjat irid iressaq ukoll, naturalment, prova konkreta tad-danni jew ħsara sofferti[6].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Chef Choice Limited vs. Raymond Galea et**, deċiża fis-26 ta' Settembru 2013, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet:-

*"Illi huwa aċċettat li biex persuna tista' tinsab responsabbli għall-ħsara li ħaddieħor ikun ġarrab bl-egħmil ta' dik il-persuna, m'huwiex meħtieġ li l-egħmil waħdu ta' dik il-persuna ikun il-kawża waħdanija tad-dannu mġarrab, għaliex biżżejjed jintwera s-*

---

[3] Fil-kamp kriminali, id-disposizzjoni legali analoga hija dik fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar kondotta li jkun riskontrabbli fih in-nuqqas ta' ħsieb, minn traskuraġni, jew in-nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew in-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

[44] Fir-rigward, ġie ritenut:- *"... l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"*[4].

[5] Ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142.

[6] Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe**, deċiża 25.11.2004 qalet hekk in propositu, "*Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega li garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mgarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni*".

*sehem ta' dik il-persuna bin-negliġenza jew bir-rieda tagħha biex jintrabat magħha l-piż tar-responsabilità għal dak li jkun ġara. Iżda biex is-sehem ta' dik il-persuna jnissel il-ħtija u r-responsabilità li tiġi magħha, jeħtieġ jintwera (mill-parti li tallega d-dannu u bi prova tajba kif tistenna l-liġi) li dik il-ħtija nisslet id-dannu attwalment imġarrab u li tali dannu jkun imkejjel u ippruvat b'mod ċert. Ir-rabta tal-kawżalità hija meħtieġa tabilfors*;"

Applikat dan kollu għall-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jikkonsegwi illi jinkombi fuq il-konvenut iressaq provi tajbin li jikkonvinċu fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet mhux biss li sofra d-danni iżda li hemm ness ta' kawżalita' bejn dawn id-danni u xi kondotta kolpuża da parti tal-attriċi fit-twettiq tal-inkarigu tagħha bħala perit.

L-attriċi tilqa' għal dawn l-eċċezzjonijiet billi waqt it-trattazzjoni finali, l-abbli difensur tagħha sostna li l-Qorti ma tista' tordna ebda tnaqqis mill-ħlas tad-drittijiet professjonali mitluba u l-ebda danni ma jistghu jiġu aġġudikati lill-konvenut għaliex il-kontenzjoni tiegħu saret biss *in via d'eccezione* u ma ressaqx kontro-talba għall-ħlas tad-danni.

Iżda, għad illi huwa stabbilit u pacifiku illi min ikun mexa b'negliġenza hu responsabbli għad-danni kollha kaġunati proprju minħabba din il-kondotta kolpuża, dan ma jfissirx illi r-regoli tal-procedura - li wara kollox huma ta' stretta interpretazzjoni, fosthom ir-regola kontra l-ultra petita – ma ghandhomx jigu debitament osservati. Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Borg et v. Hal Mann Limited**[7]**:-**

"*... l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, min-naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma*

[7] Appell Civili Nru. 34/99 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

*ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan dejjem salv meta non si tratta minn kwistjoni ta' ordni pubbliku, fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva "ex officio".*

Il-Qorti tqis illi fejn jirrizulta illi min ikun ta x-xogħol iġarrab danni minħabba eżekuzzjoni ħażina tax-xogħol **u dawn id-danni jeċċedu l-valur tax-xogħol eżegwit in konformita` mad-dettami tal-arti u s-sengħa**, id-danni jeħtieġu li jiġu reklamati permezz ta' kontro-talba *ad hoc* u l-Qorti tkun prekluża illi taġġudika dwar xi pretensjoni għall-ħlas ta' dan id-dannu mingħajr ma jkollha quddiemha kontro-talba ghal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.

Madanakollu, għalkemm huwa minnu li ma saret ebda kontro-talba f'din il-kawza, il-Qorti hija tal-fehma illi jekk ġaladarba jirriżulta li l-attriċi kienet tassew negliġenti fl-adempiment tal-inkarigu tagħha u l-konvenut effettivament kellu jħallas xi spejjeż in linea ta' danni naxxenti minn din in-negliġenża, dawn l-ispejjeż jistgħu jitnaqqsu mill-prezz tal-partita relattiva tax-xoghol li ma jkunx twettaq skont is-sengħa u l-arti iżda **biss sal-limitu tal-valur ta' dik il-partita partikolari tal-appalt li ma kellu ebda siwi għal min ikun ta x-xogħol**, f'dan il-każ il-konvenut.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-konvenut anke fl-assenza ta' kontro-talba, għandu dritt jippretendi l-ħlas tad-danni mingħand l-attriċi jekk kemm il-darba jiġi ppruvat li huwa effettivament sofra d-danni iżda, kif ingħad, limitament fil-parametri tal-valur tax-xogħol li ma kellu ebda siwi għalih u dan billi sseħħ tpaċija limitatament bejn dak li hu dovut fuq il-partita tax-xoghol in kwistjoni u l-*quantum* tad-danni riskontrati[8].

Ikkunsidrat;

L-attriċi xehdet illi fost is-servizzi prestati minnha, hija għamlet *survey* tal-proprjeta eżistenti, rediġiet il-pjanti kollha, sorveljat il-proċess kollu tal-applikazzjoni għall-

[8] Ara wkoll: **Robert Ellul Kennely et v. Josie Farrugia et**, deċiża 19 ta' Frar 2020.

iżvilupp sakemm din ġiet approvata kif ukoll bniet mudell tri-dimensjonali tal-binja proġettata u spezzjonat il-binjiet kollha adjaċenti. Xehdet ukoll li hija kienet tispezzjona s-sit perijodikalment waqt it-twaqqigħ tal-binja, waqt ix-xogħol ta' tħaffir kif ukoll waqt ix-xogħol ta' kostruzzjoni. Hi għaddiet lill-kuntrattur li ġie mqabbad mill-konvenut, id-diżinnji kollha strutturali u ta' xort'oħra u meta tlestew ix-xogħolijiet fil-livell tal-basement sal-baxxa fuq l-istess basement, dawn ġew imkejla mill-*quantity surveyor* inkarigat mill-attriċi nnifisha u l-kont inħareġ abbażi tax-xogħolijiet hekk imkejla.

In sostenn tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati fir-Risposta tiegħu, il-konvenut xehed illi għalkemm kien ġibed l-attenzjoni tal-attriċi li l-kolonna tal-lift ma saritx f'linja dritta mal-ħajt ta' ħdejha u dan kien jidher ċar, hi m'għamlet xejn u minħabba f'hekk hu kellu jidħol f'iktar spejjeż u kellu jiġi estiż it-travu li kellu jitqiegħed fuq il-kolonna.

**Kolonna fil-Basement**

Fir-rigward ta' din il-kolonna fil-basement li ma nbenietx f'linja dritta mill-bennej, l-attriċi ikkonfermat li fil-pożizzjoni kif effettivament inbniet din il-kolonna ma kienx hemm bżonn li titkisser u l-kostruzzjoni setgħet tibqa' għaddejja kif kienet. Ċaħdet li din il-kolonna kif inbniet ikkaġunat xi żieda fil-prezz tal-istruttura u kkonfermat illi għall-kuntrarju, dik il-parti tal-garaxx tal-konvenut kibret b'ċirka 18-il ċentimetru.

Fir-rigward, il-Qorti tibda biex tosserva illi l-konvenut baqa' ma ressaq l-ebda prova biex jissostanzja l-allegat infiq li kellu jsir minħabba n-nuqqas tal-allinjament ta' din il-kolonna, fosthom l-ispejjeż addizzjonali li kellu jagħmel għall-estensjoni tat-travu fuq il-kolonna. Inoltre, baqa' ma ressaq l-ebda prova teknika li, fil-fehma tal-Qorti kienet essenzjali biex tfisser il-konsegwenzi ta' dan in-nuqqas ta' allinjament fuq l-istruttura sovrastanti u n-neċessita' li jsiru xogħolijiet rimedjali b'riżultat ta' dan in-nuqqas ta' allinjament.

**Travi tal-Ħadid u Tħaffir Addizzjonali**

Il-konvenut ilmenta wkoll li t-travi tal-ħadid li kellhom jirfdu l-binja adjaċenti, twaħħlu fil-baxx u għalkemm kien ġibed l-attenzjoni l-attriċi, hija qaltlu li kellu żball u x-xogħol baqa' għaddej billi tpoġġew l-ilqugħ biex jingħata l-konkos tas-saqaf. Eventwalment meta kien evidenti li t-travi kienu tassew twaħħlu fil-baxx, ix-xogħol kollu ta' tisqif tal-basement kellu jinqala' u jittella' iktar 'il fuq.

Jikkontesta wkoll il-fatt illi l-attriċi kkalkolat id-dritt tagħha wkoll fuq il-prezz addizzjonali tat-tħaffir li huwa kien iddeċieda li kellu jsir b'żieda mal-fond li kien oriġinarjament ippjanat u dan mingħajr ma emendat il-pjanti oriġinali biex jirriflettu l-konsegwenti aġġustament fil-għoli tas-sulari, minkejja li huwa kien għarrafha tempestivament dwar l-iskavar żejjed li kellu jsir u li effettivament sar.

Illi mhux kontestat bħala fatt illi l-ispejjeż inkorsi għal eżekuzzjoni ta' xogħol addizzjonali konsistenti *inter alia* iż-żarmar tas-saqaf tal-basement li kien diġa' nbena mill-kuntrattur, u r-rikostruzzjoni tal-istess iktar fil-għoli, ma ġewx kompriżi fil-kont tal-kuntrattur u l-konvenut ma ġiex mitlub iħallas dawn l-ispejjeż. Fil-fatt, jirriżulta mill-provi illi ġie miftiehem li dawn l-ispejjeż, li ġew kwantifikati fis-somma ta' €4,500, jitħallsu mill-attriċi. Dan ifisser, u hemm qbil ukoll, illi dawn l-ispejjeż ma ttieħdux in konsiderazzjoni għall-fini tal-kalkolu tad-dritt mitlub mill-attriċi f'din il-kawża.

Madanakollu, għalkemm għal dawn l-ispejjeż addizzjonali li kellhom jintefqu minħabba dan l-iżball, refgħet ir-responsabbilita' l-attriċi u l-konvenut ma ħallas xejn fir-rigward, il-konvenut xehed illi li l-iżball swielu ħela ta' żmien u x-xogħol waqa' lura. Xehed ukoll li huwa xorta waħda daħal fi spejjeż ulterjuri biex isir travu kbir tal-konkos fuq tnejn mill-imsemmija travi tal-ħadid li ma setgħux jinqalgħu minn posthom għaliex kienu mirdumin fil-konkos u baqgħu fil-baxx (*I beams*). Il-konvenut fisser fix-xhieda tiegħu li dawn iż-żewġ *I-beams* saru għalxejn u ma riedhomx fil-post

u kkonferma li għalkemm il-Perit Frederick Grech li kien imqabbad mill-attriċi bħala *structural engineer* aċċetta li dan kien żball tiegħu u tal-attriċi u aċċetta wkoll li jħallas biex dawn it-travi jinqalgħu minn fejn twaħħlu, dan baqa' ma sarx u sal-lum it-travi għadhom imwaħħlin fuq il-post mingħajr ebda użu. Il-konvenut xehed[9] li biex jinqalgħu dawn it-travi jrid jintefaq l-ammont ta' €15,000.

L-attriċi fir-rigward spjegat fix-xhieda tagħha illi t-travi tal-ħadid twaħħlu iktar fil-baxx mil-livell oriġinarjament ippjanat, b'riżultat tal-fatt li l-konvenut naqas milli jgħarrafha tempestivament li kien ta struzzjonijiet lill-bennej li jħaffer il-basement żewġ filati iktar fond. Minħabba f'hekk, dan it-tħaffir ta' fond addizzjonali wassal biex iż-żewġ travi tal-ħadid twaħħlu iktar fl-baxx mil-livell pjantat iżda l-attriċi kkonfermat illi l-konvenut ma ntalab iħallas l-ebda parti mill-ispejjeż żejda tax-xogħol rimedjali li kellu jitwettaq biex jiżżarma kollox - inkluż ix-*shutter* li kien diġa' sar mill-bennej qabel l-attriċi intebħet bid-diskrepanza fil-livelli - u jerġa' jintrama fil-livell korrett.

L-attriċi kkonfermat ukoll li qatt ma ntlaħaq l-ebda ftehim mal-konvenut li dawn iż-żewġ travi kellhom jinqalgħu a spejjeż tagħha u jew tal-Inġinier Frederick Grech. L-attriċi kkonfermat ukoll fix-xhieda tagħha li dawn iż-żewġ travi ma jostakolaw l-ebda parti mill-basement għaliex jinsabu fil-għoli tal-blajjet tal-bieb ta' barra tal-garaxx u b'hekk ma jnaqqsu xejn mill-funzjonabbilita' tal-istess garaxx.

In kwantu għaż-żewġ travi tal-ħadid li baqgħu ma nqalgħux, il-Qorti tosserva li għalkemm kien jispetta lill-konvenut l-oneru li jipprova konklussivament li dawn it-travi verament saru inutilment, huwa ma ġabx provi la biex ifisser il-preġudizzju li qed iġarrab bil-preżenza ta' dawn it-travi u lanqas biex jikkonvinċi lill-Qorti li dawn iż-żewġ travi saru inutilment.

Mix-xhieda tal-attriċi l-Qorti fehmet illi dawn it-travi tal-ħadid kienu essenzjali biex jintrefa l-bini adjaċenti ta' terzi sabiex ikun jista' jinbena garaxx f'dik il-parti tas-sit li

[9] Kontro-eżami tal-konvenut, 11 ta' Ottubru 2021.

tiġi taħt il-proprjeta' ta' terzi. Hi xehdet li dawn iż-żewġ travi *"... ma kienux qegħdin hemmhekk biex jieħdu l-istruttura l-ġdida tal-basement. Kienu hemm solely to support third party property*"[10] u din ix-xhieda ma ġietx kunstrastata mill-konvenut bi provi kuntrarji.

Inoltre, il-Qorti m'hijiex konvinta li kien hemm ftehim li dawn iż-żewġ travi jitneħħew a spejjeż tal-attriċi jew tal-Inġinier Frederick Grech u ma taqbilx li l-messaġġ mibgħut mill-istess inġinier lill-konvenut (Dokument B) jikkonforta t-teżi tal-konvenut li l-ispejjeż għat-tneħħija tat-travi kollha, inkluż għalhekk iż-żewġ travi li kienu mirdumin fil-konkos, kellhom jiġu sopportati mill-attriċi. Fil-fatt, l-inġinier baqa' ma ġiex prodott biex jixhed dwar dan l-allegat ftehim u jfisser l-ispejjeż inklużi fil-fattur "y" indikat fil-messaġġ: għall-Qorti dan ifisser li l-konvenut ma rnexxilux jissodisfa l-oneru li jipprova li effettivament intlaħaq ftehim dwar ir-rimozzjoni wkoll taż-żewġ travi in kwistjoni, ftehim li f'kull każ ġie miċħud mill-attriċi.

Fuq kollox, il-Qorti ma taqbilx illi l-ispiża tal-materjal u tax-xogħol ta' tqegħid taż-żewġ travi tal-ħadid saret inutilment: għall-kuntrarju fehmet illi dawn kienu fondamentali biex jirfdu l-proprjeta' ta' terzi waqt il-fażi tal-kostruzzjoni. Huwa minnu illi jirriżulta li seta' kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet fir-rigward tal-ordni għat-tħaffir addizzjonali, bil-konsegwenza li d-diżinnji ma ġewx emendati tempestivament biex jindikaw il-livelli l-ġodda, iżda fil-qies tal-provi li tressqu fir-rigward, hija l-fehma tal-Qorti illi l-konvenut m'għandux raġun jilmenta li huwa nkorra spejjeż żejda minħabba xi negliġenza da parti tal-attriċi fil-prestazzjoni tas-servizzi tagħha fir-rigward. Għall-kuntrarju, il-Qorti wara li rat li mhux kontestat li l-konvenut ma ħallas xejn mill-ispejjeż tax-xogħol rimedjali biex jiċċaqalqu t-travi u s-saqaf sovrastanti, hija konvinta li l-istallazzjoni ta' dawn it-travi kienet essenzjali għall-istabbilita' tal-proprjeta' ta' terzi persuni waqt il-kostruzzjoni tal-basement. Il-Qorti fehmet ukoll li dawn iż-żewġ travi ma huma ta' ebda xkiel jew ostakolu għall-użu jew funzjonabbilita' tal-basement.

[10] Kontro-eżami tal-attriċi, 29 ta' Novembru 2021.

Konsegwentement tqis li l-attriċi għandha dritt għall-ħlas tad-dritt tagħha kalkolat ukoll fuq l-ispiża ta' dawn it-travi – għalkemm għandu jingħad illi l-konvenut baqa' qatt ma kkwantifika jew talanqas identifika fil-kont tal-kuntrattur, l-ispejjeż li huwa jikkontendi li m'għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni fil-kalkolu tad-dritt tal-attriċi.

In kwantu mbagħad għat-travu tal-konkos li l-konvenut isostni li kellu jsir fuq l-imsemmija travi tal-ħadid, hu baqa' ma ressaq l-ebda prova la li turi illi dan it-travu tal-konkos effettivament sar u lanqas ressaq prova tal-*quantum* tal-ispejjeż li huwa jallega li kellhom jintefqu sussegwentement biex isir it-travu tal-konkos. L-attriċi, meta xehdet in kontro-eżami kkonfermat illi qatt ma ġiet avviċinat minn xi perit ieħor imqabbad mill-konvenut dwar il-ħtieġa li jitwaħħal dan it-travu żejjed. Il-konvenut naqas ukoll milli jressaq xi prova teknika li tissostanzja t-teżi tiegħu li dan ix-xogħol addizzjonali - jekk ġie effettivament eżegwit - u l-ispiża relattiva, kienu meħtieġa minħabba nuqqasijiet u negligenza attribwibbli direttament lill-attriċi.

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jikkontendi wkoll li huwa kellu jħallas is-somma ta' €150 għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal permess ta' żvilupp biex jiġu sanzjonati diversi nuqqasijiet fil-binja li ġew ikkostatati mill-Perit Sean Buttigieg, li ġie ingaġġat minnu minflok l-attriċi biex ikun il-Perit tal-iżvilupp in diżamina[11].

Madankollu, il-Qorti tosserva illi filwaqt li bil-ħruġ tal-permess ta' żvilupp li ġie esebit mill-konvenut fir-rigward (Dokument D), ġie approvat is-sanzjonar ta' "*works at basement level*", m'hijiex sodisfatta li dan il-permess kien meħtieġ sewwasew biex jiġu rimedjati xogħolijiet ta' kostruzzjoni li saru ħażin jew mhux skont is-sengħa u l-arti.

[11] Dokument MZ2, fol. 147 *et sequitur*.

Huwa minnu li l-konvenut xehed illi kellhom isiru *reinforcements* fil-basement iżda baqa' ma ressaq l-ebda prova dwar f'hiex kienu jikkonsisti dawn ir-*reinforcements*, ir-raġuni għaliex kellhom isiru u l-infiq li kellu jsir fir-rigward. Huwa minnu wkoll li l-Perit Sean Buttiġieġ irrediġa rapport (Dokument MZ2) fejn elenka numru ta' varjazzjonijiet bejn il-pjanti u l-binja kif attwalment kostruwita, fosthom nuqqasijiet fil-kostruzzjoni tal-ħajt diviżorju bejn il-partijiet komuni l-appartamenti, fil-ħxuna tal-ħajt estern ta' wara ta' kull appartament minħabba l-mod kif tqiegħdu t-travi, u fit-tqegħid ta' travu tal-ħadid meta dan ġie istallat tliet filati iktar 'l isfel mil-livell indikat fil-pjanti.

Madanakollu, il-konvenut baqa' ma ressaqx provi biex ifisser jekk dawn in-nuqqasijiet humiex rimedjabbli u fl-affermattiv, l-entita' tal-ispejjeż meħtieġa biex isir x-xogħolijiet ta' tiswija; u ma tistax tonqos milli tirrimarka li hija għandha quddiemha biss kopja fotostatika tar-rapport tal-Perit Sean Buttiġieġ u xejn iktar, ħlief għax-xhieda tal-konvenut li *ex admissis* m'huwiex bniedem tekniku li ma jifhimx fix-xogħol tal-bini. Il-Perit Sean Buttiġieġ ma ġiex imressaq mill-attur biex jikkonferma bil-ġurament in-nuqqasijiet li ġew riskontrati minnu fil-binja fil-livell tal-basement u biex ifisser kif dawn l-allegati nuqqasijiet huma attribwibbli lill-attriċi jew lill-pjanti u diżinji redatti minnha. Din il-konklużjoni fil-fatt m'hijiex waħda li l-imsemmi Perit wasal għaliha fir-rapport tiegħu Dokument MZ2: dan ir-rapport jagħmilha ċar illi l-varjazzjonijiet li ġew osservati qegħdin jiġu elenkati bħala stat ta' fatt u għal ebda skop ieħor. Fuq kollox, il-Qorti tosserva li f'Dokument MZ2 il-Perit Sean Buttigieg ikkonferma li l-applikazzjoni PA/4600/20 ġiet sottomessa "*to make minor amendments to the facade of the approved PA/04212/18*".

Il-konvenut, filwaqt li kkonferma illi l-erba' *jacuzzis* mertu tal-pjanti emendati jiżnu 2.45 tonnellati kull wieħed, b'żieda wkoll ta' iktar ħadid u konkos, eskluda[12] illi l-aġġustamenti fl-istruttura tal-basement kellhom isiru minħabba ż-żieda fil-piż minħabba l-istallazzjoni ta' dawn il-jacuzzis u tibdiliet fit-terrazznini u kkonferma illi t-tibdiliet fil-pjanti kellhom isiru biex il-basement ikun jista' jiflaħ l-istruttura kif

---

[12] Xhieda tal-konvenut, 11 ta' Ottubru 2021.

pjantata fid-diżinnji tal-attriċi għaliex l-istuttura fil-basement ma nbenietx skont il-pjanti tal-attriċi.

L-attriċi, meta xehdet in kontro-eżami, ikkonfermat li l-ebda perit ieħor imqabbad mill-konvenut qatt m'avviċinaha biex jitlobha tipprovdi l-kalkoli strutturali li abbażi tagħhom ħaddmet il-pjanti u ma ġietx infurmata li dwar il-ħtieġa li jitwaħħal it-travu ta' fuq.

Fi kwalsiasi każ iżda, wara li semgħet ix-xhieda u rat il-provi[13], il-Qorti m'hijiex konvinta li huwa ppruvat sodisfaċjentement li x-xogħolijiet rimedjali li kellhom jiġu eżegwiti fil-livell tal-basement u kwindi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni oħra mal-Awtorita' tal-Ippjanar, kienu meħtieġa biex jiġu rettifikati l-varjazzjonijiet u nuqqasijiet deskritti fir-rapport tal-Perit Buttiġieg **u mhux biex jiġi akkomodat il-piż addizzjonali miżjud b'riżultat tal-bidliet strutturali fil-binja kif diżinnjata oriġarjament mill-attriċi, fosthom bl-estensjoni tad-daqs tat-terrazzini kollha fis-sulari sovrastanti tal-binja inkluż fil-livell tal-penthouse, il-kostruzzjoni ta' pixxina fil-livell tal-penthouse u l-istallazzjoni ta' jacuzzis f'kull terrazzin**. Hija nieqsa l-prova teknika li fil-fehma tal-Qorti hija meħtieġa biex tikkonforta din it-teżi tal-konvenut u fuq kollox, tosserva illi r-rapport tal-Perit Sean Buttiġieġ imkien ma jagħti x'jifhem illi l-varjazzjonijiet bejn il-pjanti tal-attriċi u l-istruttura kif mibnija, kif ravviżat minnu, isarrfu fi tnaqqis fis-saħħa tal-istruttura u l-kapaċita' tal-basement li jerfa' l-piż tal-binja sovrastanti.

Fil-qies tal-provi kollha, lil hinn mill-iżball fil-livell li fih kien oriġinarjament nbena s-saqaf tal-basement - liema żball kif rajna kien l-effett ta' tħaffir ulterjuri ordnat mill-konvenut u fi kwalsiasi każ ġie rettifikat a spejjeż tal-attriċi nnifisha - ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi il-pjanti diżinjati mill-attriċi ma kienux tajbin jew idonei jew kien fihom żbalji li kellhom effetti negattiv fuq l-istruttura eventwalment mibnija. Ma ġiex ippruvat lanqas illi l-konvenut ġarrab danni b'riżultat tas-servizzi reżi mill-attriċi.

---

[13] Vide fost oħrajn kontro-eżami tal-konvenut, 11 ta' Ottubru 2021.

Il-Qorti tirribaxxi illi l-konvenut naqas milli jressaq prova teknika permezz ta' rapport ta' perit inkarigat *ex parte* jew permezz ta' talba għall-ħatra ta' perit ġudizzjarju, biex jissostanzja l-allegazzjoni li jekk kien hemm nuqqasijiet fix-xogħolijiet eżegwiti mill-kuntratturi, dawn huma attribwibbli direttament lil negliġenza da parti tal-attriċi, kif ukoll liem'huma dawk ix-xogħolijiet kellhom jiġu msewwija u l-valur tax-xogħolijiet rimedjali.

In konklużjoni, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenut meta xehed in kontro-eżami, ikkonferma illi in effetti, hu ma kienx ħallas l-ewwel kont li ħarġet l-attriċi riferibbilment għax-xogħol ta' demolizzjoni u tħaffir, għaliex il-kont kien tela' iżjed minn dak li kien oriġinarjament prospettat u hi kienet tatu żmien biex iħallas[14]. Qal ukoll illi sar jaf li kienu saru żbalji gravi fil-kostruzzjoni, fosthom fil-pożizzjoni tal-kolonna fil-basement, biss wara, iżda ma jafx ta' min kien l-iżball jekk hux tal-attriċi jew tal-bennej.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-konvenut li huwa qed jiġi mitlub iħallas taxxa fuq il-valur miżjud għal darbtejn peress li l-attriċi, fil-kont tagħha, ikkalkolat id-dritt professjonali lilha dovut mhux biss fuq l-ammont totali tax-xogħolijiet li laħqu ġew eżegwiti mill-kuntrattur iżda wkoll fuq l-ammont ta' taxxa fuq il-valur miżjud ("VAT") dovut fuq il-valur tal-istess xogħolijiet, u mbagħad talbet ħlas ieħor tal-istess taxxa fuq id-dritt tagħha hekk kalkolat.

Il-konvenut jikkontendi li d-dritt tal-attriċi kellu jinħadem biss fuq il-valur tax-xogħolijiet eżegwiti mill-kuntrattur mingħajr l-element tal-VAT iżda minflok, ir-rati ġew applikati mill-attriċi fuq il-prezz tax-xogħol tal-bennejja, liema prezz kien diġa' kompriż fih VAT fis-somma ta' ċirka €28,563.

[14] Kontro-eżami tal-konvenut 19 ta' Mejju 2021, fol. 159, 160.

Ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenut fit-trattazzjoni finali, illi meta jitnaqqas dan l-ammont mill-prezz tax-xogħol tal-bennejja, id-dritt professjonali tal-attriċi kellu jkun ta' €11,110 mhux €13,106.75 kif mitlub minnha fir-Rikors promotur.

It-Tariffa K, imsemmija fl-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili, tistabbilixxi d-drittijiet li jitħallsu lill-periti.

Ir-regolament 10 tat-Tariffa K jipprovdi illi d-drittijiet dovuti lill-periti għad-disinji u fabrikazzjoni ta' bini:-

*Għat-teħid ta' istruzzjonijiet tal-klijent, preparazzjoni ta' skizzijiet ta' disinji, għemil ta' stimi approssimattivi tal-ispiża b'qis kubu jew xort'oħra, għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għall-bini u/ jew liċenzi oħra, preparazzjoni ta' disinji u speċifikazzjonijiet ta' xogħol, għoti ta' sorveljanza ġenerali, ħruġ ta' ċertifikati ta' ħlas u ċertifikazzjoni ta' kontijiet, id-dritt dwar xogħlijiet ġodda għandu jkun stmat kif ġej: ...*
*Jekk l-ispiża tax-xogħol magħmul jeċċedi €2,329.37 ...... 6% tal-ispiża.*

F'dan il-każ, l-ispiża tax-xogħol eżegwit mill-kuntrattur, li fuqha ser jinħadem id-dritt tal-perit, hija ta' iktar minn €2,329.37 u għalhekk id-dritt tal-perit huwa ta' 6% fuq l-ispiza tax-xoghol magħmul. Diġa' ġie stabbilit illi l-konvenut ma ressaqx prova konvinċenti li ntlaħaq ftehim biex l-attriċi tapplika rata ta' 5% u mhux 6% fuq l-ispiża tax-xogħol.

Għalkemm ir-regolament 5 tat-Tariffa K jistabbilixxi li d-drittijiet dovuti lill-perit għall-kejl ta' xogħolijiet jew kontijiet ta' xogħolijiet, jiġu kalkolati b'rata ta' 2% għal kejl ta' xogħol inkluż apprezzament, jirriżulta li l-attriċi għażlet li tapplika rata inqas, ta' 1%.

Hu minnufih ovvju li r-riżoluzzjoni tal-vertenza tistrieħ fuq il-kliem "*l-ispiża tax-xogħol*" fir-regolament 10 tat-Tariffa K u l-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-element tal-

VAT jirrientra fit-tifsira tal-ispiża tax-xogħol, ċioe, fi kliem ieħor, jekk id-dritt tal-perit taħt ir-regolament 10 tat-Tariffa K għandux jinħadem fuq il-valur tax-xogħol eżegwit fih innifsu, flimkien mal-VAT, jew inkella biss fuq il-valur tax-xoghol mingħajr VAT.

L-abbli avukat tal-attriċi argomenta waqt it-trattazzjoni illi t-taxxa fuq il-valur miżjud għandha titqies bħala parti intrinsika mill-ispiża tax-xogħol li abbażi tagħha jiġi komputat id-dritt tal-perit u ssottometta illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kamra tal-Periti fir-rigward hija li d-dritt tal-perit għandu jinħadem fuq l-ispiża tax-xogħol imwettaq mill-kuntrattur bil-VAT miżjud. Fir-rigward iċċita mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Perit Arkitett u Inginier Civili Renato Laferla v. Direttur tat-Turiżmu**[15] fejn saret referenza għall-imsemmija interpretazzjoni tal-Kamra tal-Periti.

Da parti tiegħu, il-konvenut permezz tal-abbli avukat tiegħu, għamel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-istess kawża appena msemmija[16] li revokat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u affermat awtorevolment illi **taxxa fuq il-valur miżjud m'hijiex spiża tax-xogħol iżda taxxa amministrattiva dovuta lill-Gvern**.

Ġie ritenut:-

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-ligi titkellem fuq "l-ispiza" tax-xoghol, qed tirreferi ghall-ispiza inkorsa fit-twettiq tal-istess xoghol, u mhux ukoll ghat-taxxa li ghal min ix-xoghol ikun sar ikun irid ihallas. Il-VAT hija forma ta' "sales tax" li jhallasha mhux min qed jipprovdi s-servizz, izda min jircievi dak is-servizz. Il-valur tal-oggett jew servizz mibjugh jew provdut jibqa' dak li hu ghall-venditur jew supplier, izda dak li jircievi l-oggett jew servizz irid ihallas taxxa skond il-valur tal-oggett jew servizz li jircievi. Min qed jipprovdi s-servizz ikun qed jaghmilha ta' "tax collector", u meta*

[15] Deċiża 29 ta' Novembru 2007.
[16] Deċiża 29 ta' Jannar 2010.

*jitlob hlas tas-servizz, irid jitlob ukoll hlas tat-taxxa li wara jghaddiha lill-Gvern. Din it-taxxa, allura, mhix "spiza" marbuta mas-servizz, izda taxxa li l-konsumatur irid ihallas lill-Gvern, tramite is-supplier li jservi ta' intermidjarju. Il-VAT mhix parti mill- "end product" mibjugh, u lanqas ma ghandha titqies bhala parti integrali tal-prodott, izda hi taxxa amministrattiva li min jixtri l-prodott jew jircievi s-servizz irid ihallas lill-Gvern.*"

Il-Qorti tqis li għad-determinazzjoni ta' din il-*vexatio quaesto* wieħed għandu jifhem ir-*raison d'etre* tal-impożizzjoni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u ċ-ċirkostanzi li fiha tiġi imposta. B'mod ġenerali jista' jingħad illi l-VAT hija taxxa fuq il-konsumatur li hija applikata fuq il-valur ta' prodotti u servizzi (provvisti) li jiġu suppliti fi kwalsiasi stadju tal-katina ta' produzzjoni u distribuzzjoni sal-punt tal-vendita', purche' dawn il-provvisti ma jkunux eżentati speċifikatament mil-liġi. Ir-rata relattiva tal-VAT hija applikata effettivament fuq il-valur tal-*output* taxxabbli u hija mħallsa mill-konsumatur finali permezz tal-applikazzjoni tat-taxxa mal-prezz ta' prodotti u servizzi **f'kull stadju fejn jiġi miżjud valur mal-valur ta' dik il-provvista**.

Huwa relevanti dak stipolat fl-ewwel artikolu tas-Seba' Skeda tal-Kap 406 li jipprovdi li l-valur taxxabbli ta' provvista għandu jkun il-valur totali tal-prezz imħallas eskluz it-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas taħt dan l-Att.

Dan jipprovdi:-

1. *Ħlief kif mod ieħor provdut fid-dispożizzjonijiet l-oħra ta' din l-Iskeda, il-valur taxxabbli ta' provvista*[17] *għandu jkun* ***il-valur totali tal-prezz imħallas jew li għandu jitħallas*** *lill-fornitur mix-xerrej, mill-klijent jew minn xi persuna oħra għall-provvista, inkluż kull sussidju direttament marbut mal-għoti ta' dik il-provvista,* ***iżda eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas taħt dan l-Att fuq dik il-provvista****.* (emfasi tal-Qorti)

[17] "provvista" tfisser operazzjoni li hija meqjusa bħala provvista ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi skont it-Tieni Skeda.

Imbagħad, it-tieni artikolu tal-istess Skeda jipprovdi:-

2. *Il-valur taxxabbli ta' provvista għandu jinkludi, sakemm dawn ma jkunux inklużi fil-valur stabbilit skont il-partita 1:*
   *(a) taxxi, dazji, mposti, drittijiet u kull ħlas ieħor* ***(eskluża t-taxxa fuq il-valur miżjud li għandha titħallas taħt dan l-Att)*** *li għandu jitħallas minħabba fil-provvista;* (emfasi tal-Qorti)

Dan ifisser illi għall-fini tal-kalkolu tal-VAT fuq il-valur ta' provvista, il-valur li għandu jittieħed sabiex tinħadem il-VAT fuqu huwa l-valur eskluż it-taxxa tal-VAT. Fi kliem ieħor, l-ammont tal-VAT li jrid jitħallas mill-konsumatur huwa applikat fuq il-valur tal-prodott jew servizz mingħajr il-VAT li seta' kien diġa' intaxxat fi stadju anterjuri.

Iżda mhux hekk biss. Fil-każ in diżamina, l-attriċi pprovdiet servizz (provvista) lill-konvenut u għalhekk huwa dovut mill-istess konvenut fuq il-valur ta' dak is-servizz, it-taxxa fuq il-valur miżjud **iżda kif rajna, f'dan il-każ id-dritt professjonali tal-attriċi jikkonsisti sempliċement f'persentaġġ tal-valur tax-xogħol tal-kuntrattur.** Dan ifisser li ma kien hemm l-ebda valur miżjud bejn l-istadju fejn il-VAT ġiet applikata fuq il-valur tal-provvista supplita mill-kuntrattur kif kwantifikat fil-kont tax-xogħol tiegħu, u l-istadju fejn l-attriċi pprovdiet is-servizz tagħha lill-konvenut. Konsegwentement, billi l-valur tax-xogħol eżegwit mill-kuntrattur ma ġie miżjud bl-ebda mod bis-servizzi prestati mill-attriċi, l-ispiża tax-xogħol li fuqha trid tiġi applikata l-VAT tikkonsisti biss fil-valur tal-provvista tal-kuntrattur. Dan qed jingħad għaliex **jekk jerġa' jiżdied il-VAT fuq il-valur ta' dik il-provvista kompriża l-VAT, ikun qed jerġa' jiżdied il-VAT fejn il-valur tal-istess provvista ma ġiex miżjud**.

Il-konvenut, bħala l-konsumatur li rċieva l-provvista konsistenti fix-xogħol imwettaq mill-kuntrattur, diġa' ħallas jew irid iħallas għal dik il-provvista bl-applikazzjoni tal-

VAT u b'hekk qiegħed jiġbor għall-fiscus il-VAT fuq dik il-provvista.  Irid iħallas ukoll il-valur tal-provvista tal-attriċi, iżda jekk dan il-valur kellu jittieħed bħala l-valur biż-żieda tal-VAT, din l-interpretazzjoni ma tkunx konformi mar-regola stipolata fl-ewwel żewġ artikoli fis-Seba' Skeda tal-Kap. 406.  Mhux hekk biss, iżda l-konvenut ikun qed jiġbor għall-*fiscus* il-VAT fuq provvista li l-valur tiegħu inħadem b'mod sħiħ fuq il-valur ta' provvista oħra li fuqu jkun diġa' ġiet applikata din it-taxxa.  Billi l-valur tal-provvista li l-konvenut irċieva mingħand l-attriċi huwa essenzjalment persentaġġ tal-valur ta' provvista li fuqu għandha tiżdied il-VAT, kif del resto sar fil-kont tal-kuntrattur, l-interpretazzjoni tan-naħa attriċi tkun tfisser li **l-Gvern jirċievi mingħand il-konvenut taxxa tal-VAT darbtejn fuq l-istess valur, ossia fuq il-valur tax-xogħol imwettaq mill-kuntrattur mingħajr dak il-valur ikun ġie miżjud bil-provvista tal-attriċi**: darba meta din it-taxxa tinġabar mill-kuntrattur u darb'oħra jekk din it-taxxa tinġabar ukoll mill-attriċi.

Dan kollu magħdud jikkonvinċi lill-Qorti li l-VAT ma tistax tiġi applikata għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur tas-servizz provdut mill-attriċi, meta fuq dan il-valur irid jerġa' jiġi applikat il-VAT u għalhekk, id-dritt reklamat mill-attriċi ma għandux jinħadem ukoll fuq il-valur tal-provvista tal-kuntrattur (ċioe' l-valur tax-xogħolijiet imwettqa fil-proġett tal-iżvilupp) kompriż il-VAT applikat fuq dak l-istess valur.

Għaldaqstant, hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-attriċi ma għandhiex dritt tesiġi li d-dritt tagħha jkun ikkalkulat ukoll fuq il-VAT pagabbli fuq il-valur tal-provvista ossia xogħol ezegwit mill-kuntrattur.

Dan ifisser illi d-dritt tal-attriċi fuq il-kejl għandu jinħadem bir-rata ta' 1% fuq valur komplessiv ta' €158,685.49 u mhux fuq l-ammont totali ta' €187,248.88[18]  li jinkludi l-VAT fis-somma ta' €28,563.39:  **1% fuq €158,685.49 huwa €1,586.85.**

Imbagħad, in kwantu għad-dritt tal-attriċi fuq l-ispiża tax-xogħol ta' disinnji u fabbrikazzjoni ta' bini, bir-rata ta' 6%, dan għandu jinħadem ukoll fuq valur

---

[18] €93,102.14 + €94,146.74 (measured works) = €187,248.88.

komplessiv ta' €158,685.49 u mhux fuq l-ammont totali ta' €187,248.88[19] li jinkludi l-VAT fis-somma ta' €28,563.39: **6% fuq €158,685.49 huwa €9,521.13**.

Il-VAT applikabbli fuq il-provvista tal-attriċi hija għalhekk dovuta fuq total ta' €11,107.98[20], li minnhom jirriżulta li l-konvenut ħallas pagament akkont fis-somma ta' €2,000. Għalhekk, il-valur bilanċjali totali ta' provvisti li fuqu trid tiġi applikata l-VAT huwa ta' €9,107.98, li jġib total (inkluż VAT[21]) ta' **€10,747.42**, li huwa l-ammont dovut lill-attriċi.

**Għal dawn il-motivi, wara li tastjeni milli tieħu iktar konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni għaliex diġa' ġiet deċiża, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut iżda tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet fir-Risposta tiegħu safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut MARIO ZARB iħallas lill-Perit Melanie Spiteri s-somma ta' għaxart elef, seba' mija u sebgħa u erbgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€10,747.42) bl-imgħax mid-data tal-preżentata tar-Rikors promotur, 18 ta' Novembru 2019 u bl-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[19] €93,102.14 + €94,146.74 (measured works) = €187,248.88.
[20] VAT bir-rata ta' 18% fuq €11,107.98 (€9,521.13 + €1,586.85) hija ta' €1,999.44.
[21] €1,639.44.